# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 167/2013

## tat-8 ta' Ottubru 2013

## li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2012/47/UE tal-14 ta' Diċembru 2012 li temenda d-Direttiva 2009/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-lista ta' prodotti marbuta mad-difiża [1] għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE.

(2) L-Anness II tal-Ftehim ŻEE għandu għalhekk jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-inċiż li ġej jiżdied mal-punt 3q (id-Direttiva 2009/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Kapitolu XIX tal-Anness II tal-Ftehim taż-ŻEE:

"— **32012 L 0047**: Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2012/47/UE tal-14 ta' Diċembru 2012 (ĠU L 31, 31.1.2013, p. 43)."

*Artikolu 2*

It-testi tad-Direttiva 2012/47/UE bil-lingwa Islandiż u dik Norveġiża, li jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fid-9 ta' Ottubru 2013, sakemm in-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim taż-ŻEE ikunu saru (*), jew fil-jum tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 111/2013 tal-14 ta' Ġunju 2013 [2], skont liema data tkun l-iżjed tard.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment taż-ŻEE tiegħu.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Ottubru 2013.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Thórir IBSEN

---

(1) ĠU L 31, 31.1.2013, p. 43.

(*) Ma huma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.

(2) ĠU L 318, 28.11.2013, p. 12.